MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1122/2006

**APS Bank Limited Numru ta’ Registrazzjoni C2192**

**vs**

**Joseph Agius (detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ 450562M), u Joseph u Christine konjugi Agius, (detenturi tal-Karti ta’ l-Identita’ bin-numri 170834M u 336933M rispettivament) fil-kapacita’ taghhom ta’ garanti solidali ta’ l-imsemmi Joseph Agius (I.D. 450562M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors guramentat** li permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

1 Illi l-intimati Joseph Agius (I.D. 450562M), u Joseph (I.D. 170834M) u Christine (I.D. 336933M) konjugi Agius, fil-kapacita' taghhom ta' garanti solidali ta' l-imsemmi Joseph Agius (I.D. 450562M), huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm21,280.73), in kwantu s-somma ta' ghoxrin elf u mija u sebghin Lira Maltin u centezmu (Lm20,170.01) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-'*Overdraft Account'* numru wiehed wiehed tlieta tmienja zero sebgha tlieta wiehed zero tlieta sebgha (11380731037) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala (Dok. APS 1); flimkien mas-somma ta' elf u mija u ghaxar Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,110.72) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-'*Interest Disposal Account'* numru tnejn zero zero zero zero wiehed sebgha sitta disgha tmienja sebgha (20000176987) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS2); u dan oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-'*Overdraft Account'* numru wiehed wiehed tlieta tmienja zero sebgha tlieta wiehed zero tlieta sebgha (11380731037) mit-tletin (30) ta' Gunju 2006 sad-data tal-pagament effettiv;

2 Illi l-imsemmi ammont komplessiv ta' wiehed u ghoxrin elf u mitejn u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm21,280,73) huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' rikorrenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv;

3. Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi, nkluz bl-ittri legali datati sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 2006 (kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok. APS 3 u APS 4 rispettivament) u bl-ittri gudizzjarji datati wiehed u

ghoxrin (21) ta’ April 2006 (kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok. APS 5 u APS 6 rispettivament) huma baqghu inadempjenti;

4. Illi s-socjeta’ rikorrenti ntavolat mandat ta’ sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta’ l-istess intimati kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat;

5. Illi r-rapprezentanta tas-socjeta’ rikorrenti taf b’dawn il-fatti personalment;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta’ rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, dispensat is-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(1) Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma komplessiva ta’ wiehed u ghoxrin elf u mitejn u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm21,280.73) kif fuq spjegat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-‘*Overdraft Account’* numru wiehed wiehed tlieta tmienja zero sebgha tlieta wiehed zero tlieta sebgha (11380731037) mit-tletin (30) ta’ Gunju 2006 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittri legali datati sebgha u ghoxrin (27) ta’ Marzu 2006, ta’ l-ittri gudizzjarji datati wiehed u ghoxrin (21) ta’ April 2006, u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax b’effett mit-tletin (30) ta’ Gunju 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-digriet ta’ dina l-Qorti tal-19 ta’ Jannar 2007 li bih kkoncediet lill-intimati d-dritt li jikkontestaw l-kawza u fil-waqt li ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali, awtorizzat lill-intimati jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom.

Rat ir-**risposta tal-intimat Joseph Agius** a fol. 45 tal-process fejn eccepixxa:

1 Illi l-ammont ta' flus li l-esponenti kien qieghed jiddepozita kien imur unilateralment sabiex jithallas l-imghax u mhux biex jithallas parti imghax u parti kapital;

2 Illi di piu' s-socjeta' attrici kienet timponi nteress bl-ammont ta' tmienja u nofs fil-mija (8.5%) per annum u dan skond dokument numru tmienja (8) tad-dokumenti tas-socjeta' attrici haga li hija kontra l-ligi pero' dan l-ammont ta' interess ma jissemmiex fuq il-kuntratt ta' self 'Dok 13';

3. Illi di piu' s-socjeta' attrici kienet timponi imghax fuq imghax xi haga li ma kelliex dritt taghmel skond il-kuntratt ta' self;

4. Illi di piu' s-socjeta' attrici kienet timponi ammonti bhal spejjez legali u affarijiet ohrajn minghajr il-kunsens tal-attur;

5. Illi fil-kuntratt ta' self datat 13 ta' Ottubru 2004 ara dok. 13 hemm indikat illi l-ammont ta' self ma jistax jeccedi l-ammont ta' Lm20,641 u l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa ta' Lm21,280.73 li allura hemm biss differenza ta' Lm639 liema differenza jigi rifless mill-ammonti li jitnaqqsu mis-socjeta' attrici minghajr il-kunsens tal-konvenuti, kif ukoll mir-rata tal-imghax eccessiv u mir-rata ta' *compound interest* li tinhadem u ghalhekk jekk jitnaqqsu dawn is-somom eccessivi l-esponenti jibqa' fl-ammont miftiehem mas-socjeta' attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat Joseph Agius (junior) kien inghata facilita' mill-bank rikorrent ghal valur ta' Lm15,000 ghal skop ta' negozju u Lm800 ghall uzu personali. Kienu saru ipoteki u *pledge* fuq assikurazzjoni u l-intimati l-ohra kienu dahlu garanti. L-intimat rega' nghata zieda fl-overdraft ta' Lm3,000 li kellha taghlaq fl-ahhar ta' Jannar 2003. Billi l-intimat tellgha l-*overdraft* fuq il-limitu permess u beda jmur lura fil-pagamenti l-kont intbaghat ir-*recoveries unit*. L-intimat kien offra li jhallas Lm300 fix-xahar izda lanqas daqshekk ma wasal u beda jaghmel pagament ta' Lm150 fix-xahar minflok u sar kuntratt iehor fejn l-intimat u l-garanti ghamlu zieda fl-ipoteki. L-intimat weghdhom diversi drabi li kien ser ihallas u jnaqqas l-ammont dovut izda ma wasalx u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fir-risposta tieghu l-intimat tah diversi ragunijiet ghaliex l-ammont mitlub mhux dovut.

**Hlasijiet – imghax u kapital**

L-intimat eccepixxa li l-ammont ta' flus li l-esponenti kien qieghed jiddepozita kien imur unilateralment sabiex jithallas l-imghax u mhux biex jithallas parti imghax u parti capital.

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li d-depoziti li kien jaghmel l-intimat bdew jigu divizi sabiex l-ewwel jithallas l-imghax dovut imbaghad il-kapital. Billi kien hemm drabi meta l-ammont li l-intimat kien jiddepozita ma kienx ikun bizzejjed biex ikopri l-imghax u l-kapital, l-pagament kien imur kollu fuq l-imghax biex jithallas dan l-ewwel. (Ara Dok APS1 u APS2 a fol 5 u 6). Kien meta l-intimat jaghmel pagamenti ta' ammont konsiderevoli, li dan seta' anke jnaqqas il-kapital. Fil-fatt meta l-intimat ma kienx jaghmel il-pagament ta' Lm300 fix-xahar kif miftiehem, dan il-pagament ma setghax jaqta' l-kapital.

Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi ftehim bejn il-kontentendi li l-pagamenti li kienu qed isiru kellhom jigu attribwiti lill kapital biss, jew lill kapital qabel l-imghax. Infatti l-artikolu 1169(1) tal-Kap 16. jipprovvdi li fil-kaz ta' dejn li jaghti l-imghaxijiet id-debitur ma jistax jimputa l-hlas ghall-kapital, minflok li ghall-imghaxijiet minghajr il-kunsens tal-kreditur, f'dan il-kaz il-bank.

**Ftehim fuq rata ta' imghax**

L-intimat qed jeccepixxi wkoll li s-socjeta' rikorrenti kienet timponi nteress bl-ammont ta' tmienja u nofs fil-mija (8.5%) fis-sena (Dok APS8 a fol 16) haga li hija kontra l-ligi pero' dan l-ammont ta' imghax ma jissemmiex fuq il-kuntratt ta' self 'Dok APS13' a fol 37.

Rigward l-ewwel kontestazzjoni ta' l-intimat li l-imghax impost ta' 8.5% hu kontra l-ligi jirrizulta invece li skond l-artikolu 1852(4) tal-Kap 16 b'riferenza ghall-artikolu 33 ta' l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta (Kap. 204) il-bank setgha jiccargja imghax oghla mir-rata ta' 8%.[1]

Dwar il-kwistjoni jekk kienx sar ftehim fuq l-imghax, il-Qorti taghmel referenza ghas- *sanction letter* APS 8 a fol 16 fejn hemm miftiehem li "*for the time being debit interest shall be charged at the rate of 8.5% per annum*". Ir-rikorrenti kienu rriservaw li jvarjaw ir-rata ta' interess fid-diskrezzjoni taghhom basta li r-rata ma teccediex il-massimu approvat bil-ligi. B'dana l-intendiment kien jaf l-intimat u kien iffirma l-istess *sanction letter* fejn accetta dawn il-kondizzjonijiet.

Jirrizulta inoltre li skond il-kuntratt datat 13 ta' Ottubru 2004 Dok APS 13 a fol 37 b'referenza partikolari a fol 38 l-intimat kien obbliga ruhhu li jhallas imghax. Fil-fatt fil-

---

[1] **Art 33 Kap 204. "**Minkejja kull haga li tinsab f'xi ligi ohra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li tithallas fuq depoziti mizmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u rrata ta' mghax li huma jistghu jzommu fuq self, avvanzi u kull facilità ta' kreditu ohra kif ukoll il-hrug ta' *debentures* jew *debenture stocks* jew strumenti ohra li joholqu jew li jirrikonoxxu debitu".

kuntratt hemm stipulat li “*Interest at rates not exceeding the maximum rate allowed by law shall be due by the customer on his daily debit balances in accordance with recognized banking practice; said rate of interest to be fixed by the Bank in its sole discretion from time to time*.”

Skond id-dokumenti hawn imsemmija l-intimat kien intrabat li ma kelliex tapplika rata fissa ta’ imghax izda dina kellha tvarja fid-diskrezzjoni tal-bank, izda qatt ma kellha tkun oghla mir-rata permessa mill-ligi. Inoltre ma saret ebda prova mill-intimat li l-bank ccargja aktar mir-rata permessa mill-ligi.

**Imghax kompost**

L-intimat eccepixxa li s-socjeta’ rikorrenti kienet timponi mghax fuq imghax xi haga li ma kelliex dritt taghmel skond il-kuntratt ta’ self.

Dwar dana l-punt ir-rikorrenti kkonfermaw li l-imghax fuq l-*overdraft account* kien qed jinhadem bil *compound interest*. Il-Qorti tifhem li dana setgha jsir billi skond il-ligi u l-gurisprudenza li nterpretat il-ligi in kwistjoni, hu permess li jinzamm imghax fuq imghax fuq *overdraft account* (imma mhux fuq *loan account*).

Illi eccezzjoni simili diga giet sollevata diversi drabi quddiem il-Qrati taghna u din il-Qorti taghmel riferenza ghal kawza Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria mizzewgin Muscat deciza mill- Prim Awla fis-6 ta’ Mejju 2004. Il-Qorti kienet ezaminat fil-fond eccezzjoni simili u rriaffermat il-posizzjoni li tapplika f’kazijiet bhal dawn u cjoe li l-artikolu 1142 tal-Kap 16 ma japplikax meta l-Bank jikkoncedi fakolta’ ta’ ‘*overdraft’* li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu, izda mhux l-istess jista’ jinghad ghall-kaz ta’ *loan account* fejn is-somma dovuta hija wahda determinata u ghalhekk japplika l-artikolu 1142 u jista’ jigi addebitat biss imghax semplici. Ghalhekk l-artikolu 1142 tal-Kap 12 ma japplikax f’dan il-kaz fejn il-bank qed jikkoncedi fakolta’ ta’ *overdraft*.

Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-kaz in ezami l-imghax baqa' jinhadem b'mod kompost mid-data tal-ftuh tal-kont sas-16 ta' Frar 2004 meta saret il-*call in*. Imbaghad wara d-data tal-*call in* l-imghax beda jinhadem bl-imghax semplici ta' 8% u beda jigi separat mill-kapital u jigi addebitat fl'*Interest Disposal Account*.

**Spejjez legali u affarijiet ohra**

L-intimat qed jissottometti li s-socjeta' rikorrenti kienet timponi ammonti bhal spejjez legali u affarijiet ohrajn minghajr il-kunsens tieghu.

Dwar dawn l-ispejjez  il-Qorti tirrileva li l-bank impona dawn l-ispejjez a bazi tas-*sanction letter* tas-16 ta' April 2001 APS8 fuq imsemmija li kienet stipulat li "*The Bank reserves the right to introduce fees, charges, commissions etc in the future as it deems necessary, within the limits permitted by law*". (fol 17).  Anke fid-Dok APS 13 hemm provvdut li *legal fees* u *expenses* u *charges* kienu a karigu tal-intimat.  Ghalhekk ma sar xejn li l-intimat ma kienx jaf bih jew li ma kienx iffirma ghalih u accettah.

**Self li ma kellux jeccedi Lm20,641**

Finalment l-intimat issottometta li fil-kuntratt ta' self datat 13 ta' Ottubru 2004 (fol 37 APS13) hemm indikat illi l-ammont ta' self ma jistax jeccedi l-ammont ta' Lm20,641 u l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa ta' Lm21,280.73 li allura hemm biss differenza ta' Lm639 liema differenza jigi rifless mill-ammonti li jitnaqqsu mis-socjeta' attrici minghajr il-kunsens tal-konvenuti, kif ukoll mir-rata tal-imghax eccessiv u mir-rata ta' *compound interest* li tinhadem u ghalhekk jekk jitnaqqsu dawn is-somom eccessivi l-esponenti jibqa' fl-ammont miftiehem mas-socjeta' rikorrenti.

Fi ftit kliem l-intimat qed jikkontendi li jekk ma jizdiedx l-imghax eccessiv u kompost li gie ccargjat, jirrizulta li hu ma qabizx il-limitu ta' l-*overdraft* li kellu. Il-Qorti pero' diga

ddeciediet li hu dovut imghax fuq l-ammont misluf kif ukoll li l-imghax kompost fuq l-*overdraft* setgha jigi ccargjat, ghalhekk fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti setghu jipprocedu biex jigbru lura flushom u kellhom fuqhiex jifthu l-kawza.

Ir-rikorrenti spejgaw ir-raguni ghaliex huma talbu lura l-flus minghand intimati. Billi d-depoziti li kien jaghmel l-intimat kienu qed jaqtu biss l-imghax b'mod li l-kapital beda jaqbez il-limitu tal-*overdraft*, huma kellhom jaghmlu l-*call in*. L-ammont dovut, inkluz l-imghax, kien qabez il Lm20,641. Veru li l-intimat kien qabez l-*overdraft* bi ftit imma, skond ir-rikorrenti, wiehed kellu jara x'gara f'dawk is-sentejn, kif kien hemm hafna *meetings* u promessi da parti ta' l-intimat li se jhallas u jnaqqas il-kont izda imbaghad l-intimat ma jasalx. (ara affidavit ta' Charyl Ciappara). Inoltre jigi rilevat li l-Bank, skond il-kuntratt, dejjem kellu dritt *to call upon the customer **at any time*****.** (Ara Dok APS 13 kuntratt tat-13 ta' Ottubru 2004).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u
Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' disgha u erbghin elf, hames mija u sebghin euro u sebgha u sebghin centezmi (Euro 49,570.77) ekwivalenti ghal (wiehed u ghoxrin elf u mitejn u tmenin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm21,280.73) kif fuq spjegat, oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-'*Overdraft Account'* numru wiehed wiehed tlieta tmienja zero sebgha tlieta wiehed zero tlieta sebgha (11380731037) mit-tletin (30) ta' Gunju 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------